Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

CONFERENTIA EPISCOPALIS MELITENSIS

*21 ta' April, 2010*

57/2010

**MESSAĠĠ MILL-ISQFIJIET MALTIN**

Aħna l-Isqfijiet inħossuna fid-dmir li nirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li wettaq fostna permezz taż-Żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI.

Inħossuna grati ħafna lejn il-Papa għall-attenzjoni u l-imħabba li wera magħna.

Ma għandniex kliem biex infissru l-apprezzament tagħna għal-laqgħa mill-qalb li l-poplu tagħna, misjuq mill-fidi, ta lill-Papa.

Aħna konvinti li kienu ħafna dawk li laqgħu l-istedina tagħna biex isaħħu din il-ġrajja bit-talb u s-sagrifiċċji.

Irridu wkoll nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw sehemhom fl-organiżżazzjoni ta' din iż-Żjara.

Aħna nħossuna mpenjati li nkomplu nirriflettu fuq it-tagħlim li l-Papa wasslilna u naqsmu mal-komunitajiet tagħna din ir-riflessjoni

✠ Pawlu Cremona O.P.

✠ Mario Grech

✠ Annetto Depasquale

Fr Joe Magro

*Segretarju*

Archbishop's Curia, St Calcedonius Square, Floriana, FRN 1535, Malta. Tel. (356)21241281. Url: www.maltadiocese.org